## 9 ta' Frar, 1951.

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Carmelo Axiak *versus* Avukat Dr. Giuseppe [illegible] et.**

**Tassazzjoni — Stima — Danni —**

**Tariffa "A" no. 10 u "G" no. 29 (a).**

*F'kawża fejn tiġi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għal danni sofferti mill-attur, li għandhom jiġu likwidati fl-istess kawża jew f'ġudizzju separat, il-prinċipju illi t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mit-talba jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid li, meta mill-massa litiġjuża jkun jidher ż'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bħala sempliċi artikolu jew dikjarazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jkun premessa kull dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, peress illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-3 ta' Marzu 1950, konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-10 ta' Novembru 1950, ġiet deċiża l-kawża fl-ismijiet Giuseppe Xuereb vs. Carmelo Axiak", u l-konvenut Reġistratur ittaxxa d-dritt tar-Reġistru u tad-difensuri bil-mod kif jidher mit-taxxa (dok. B) u mid-dettall (dok. C); u peress illi dik it-taxxa hija erronea; tiġi ordnata r-ritassa ta' l-istess drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri, billi dawn jiġu regolati skond it-tariffi "A" u "G" tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża kummerċjali numru 457/1947 ............ jirriżulta li l-attur f'dik il-kawża, wara li ppremetta li dik l-Onorabbli Qorti, b'sentenza tagħha tat-13 ta' Diċembru 1945, konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' April 1946, ikkundannat lill-konvenut f'dik l-istess kawża jittrasferixxi u jċedi lill-attur ta' allura l-pertiness tal-lukanda "Eden Hotel", numru 12, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa, u dan f'għaxart ijiem mis-6 ta' April 1946; u peress li l-konvenut ta' allura naqas milli jdawwar favur l-attur il-liċenza fuq

imsemmija, u bl-inadempjenza tiegħu l-istess allura konvenut ikkaġuna danni rilevanti lill-istess attur f'dik il-kawża, talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija l-konvenut jiġi dikjarat responsabli għad-danni li l-attur sofra, danni li kellhom jiġu likwidati jew f'dak il-ġudizzju jew f'ġudizzju separat;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Marzu 1950, laqgħet it-talba attriċi relativa għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenut f'dik il-kawża, u attur fil-kawża odjerna, għad-danni,..........;

*Omissis;*

Illi l-meritu tal-kawża odjerna huwa preċiżament l-impunjazzjoni tat-taxxa dok. "B"..............;

Illi skond l-attur tal-lum it-taxxa magħmula mill-konvenut nomine hija erronea, inkwantokkè fit-talba attriċi tal-kawża taxxata ebda l-kwidazzjoni ta' ammont bħala danni ma kienet involuta, u fil-fatt ma saretx, iżda l-istess kienet biss timporta sempliċi dikjarazzjoni, u kwindi kellha tiġi bħala tali intaxxata, u mhux kif għamel ir-Reġistratur konvenut, li intaxxaha "ad valorem";

Ikkunsidrat;

Illi kwindi l-kompitu ta' dina l-Qorti huwa li tara x'timporta per sè t-talba attriċi fil-kawża li tagħha saret it-taxxa kontestata;

Illi, kif kellha okkażjoni tgħid dina l-Qorti, f'kawżi simili t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mid-domanda jew talba; liema prinċipju jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid li, meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċjoè għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-"Quod disputatum est", li jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess; u għal dana l-fini jistgħu u għandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u "multo magis" l-iskritturi mdaħħla fil-proċeduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu ġew proposti għall-eżami u deċiżjoni tal-Qrati jiġux imbagħad finalment milqugħa jew miċħuda (ara Appell "Dr. Souchet vs. Registratore Giovanni

Xuereb'', Vol. XII, paġ. 41, tas-16 ta' Novembru 1888; P.A. Ċivili 30 ta' Ġunju 1896 ''Dr. Messina vs. Commte. Borg et.'', Vol. XV, paġ. 547; P.A. Ċivili 8 ta' Lulju 1903 ''Raffaele Debono vs. Ruggiero Muscat ne.'', Vol. XVIII, P. II, 345; P.A. Ċivili ''Salvatore Tonna vs. Edgar Staines ne. et.'', Vol. XXIX — II — 357; u Appell ''Falzon vs. Staines ne. et'', 17 ta' Frar 1944 (mhix publikata);

Ikkunsidrat;

Illi wara li għidna dak li ntqal fuq, jingħad li fil-każ in diżamina t-talba ta' Joseph Xuereb kontra Carmelo Axiak sabiex il-konvenut jiġi dikjarat responsabili għad-danni, bħala preordinata għat-talba l-oħra tal-likwidazzjoni, kienet indubbjament u loġikament timporta l-attakk prinċipali għall-patrimonju ekonomiku tal-konvenut f'dik il-kawża, u dana l-aħħar imsemmi kellu l-interess kollu, kif del resto wera fid-difiża tiegħu, li jikkumbattiha, l-għaliex mill-eżitu tagħha biss kienet tiddependi t-talba subordinata għal-likwidazzjoni ta' l-istess danni. Minn dan jitnissel li l-oġġett ta' dik id-dikjarazzjoni kien preċiżament dak li l-konvenut ikun dikjarat responsabili tad-danni li l-attur fil-fol. 33 ta' dak il-proċess, u fuq l-ordni tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 1945 (fol. 25 tal-proċess l-ieħor), iddettalja partitament, u li l-konvenut kien qiegħed jikkontrobatti bid-difiża tiegħu, li kienet intiża sabiex juri li huwa ma kienx responsabili tan-nuqqas ta' l-obligu tiegħu minnu assunt di fronti għall-attur fin-negozju ġuridiku diskuss f'dik l-istess kawża. Fi kliem ieħor, l-attur tal-lum u l-konvenut f'dik il-kawża kien qiegħed jikkuntrasta lil Joseph Xuereb id-dritt li jeżiġi d-danni — nuqqas mill-proprjetà tiegħu — li huwa kien qiegħed jippretendi li sofra mill-aġir kwalifikat inġustifikat ta' l-attur odjern;

Illi skond it-Tariffa ''A'' nru. 10, u ''G'' numru 23 (a), tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kap. 15, huma ammessi żewġ prinċipji. Tabilħaqq, fl-ewwel ċitazzjoni jingħad li d-dritt hemm fissat għal kull definizzjoni ta' artikolu, jew pont ''di fatto'' jew ''di diritto'', ma jkunx hemm loku meta jkun hemm kwistjoni fuq proprjetà; u fit-tieni ċitazzjoni, fis-subparagrafu taħt l-ittra (a), jingħad li meta d-dikjarazzjoni fiha nnifisha tkun tifforma deċiżjoni prinċipali, u tkun dwar valur determinat jew li jista' jiġi determinat, id-dritt għal dik id-

dikjarazzjoni għandu jiġi ntaxxat skond in-numru 16 ta' l-istess tariffa, ċjoè "ad valorem". Minn dan jitnissel li, sew jekk l-oppożizzjoni ta' Carmelo Axiak tiġi rigwardata bħala kontestazzjoni għall-eżazzjoni tas-somma reklamata mill-attur bħala danni skond il-prospett minnu preżentat, u li per sè tirraġġira ruħha fuq kwistjoni fuq il-proprjetà ta' l-ammont pretiż, kemm jekk tiġi kunsidrata bħala difiża kontra d-deċiżjoni prinċipali mitluba u determinata dwar il-valur bil-prospett imsemmi, l-istess għandha tiġi dejjem intaxxata "ad valorem";

Illi jekk huwa minnu li l-ispiritu informatur tat-tassazzjoni ġudizzjarja għandu jiġi poġġut fuq il-ħsieb li s-somma taxxata tkun tali li sservi bħala kumpens proporzjonat għar-responsabilità tad-difensuri, ma hemmx bżonn jingħad liema bejn id-dikjarazzjoni tar-responsabilità u dik tal-likwidazzjoni hija l-aktar importanti u li timporta xogħol u studju fis-soluzzjoni tagħha;

Illi l-obbjezzjoni avanzata mill-attur, fis-sens illi, kieku l-kawża in diskussjoni tkun taxxata "ad valorem", u fil-kawża subordinata għaliha, ċjoè dik tal-likwidazzjoni tad-danni, l-istess tkun ukoll ugwalment intaxxata fuq il-valur, l-attur tal-lum jiġi jsofri l-inkonvenjent ta' żewġ ħlasijiet "ad valorem", hija biss apparentement, għal dawk li jgħixu fil-Qorti, ta' saħħa u valida, mentri fil-fatt mhix korretta u hija bla dubju ineżatta; l-għaliex huwa risaput illi fil-każ prospettat mill-attur il-kawża tal-likwidazzjoni dejjem ġiet intaxxata bħala artikolu, kważi bħala kompensazzjoni ekwitativa ta' l-ammont li jkun ġie fissat u determinat "ad valorem" fuq u in segwitu għad-dikjarazzjoni prinċipali, kif intqal minn din l-istess Qorti fil-kawża "Dr. Giuseppe Pace vs. Dr. Giuseppe Vella ne.", maqtugħa fl-1 ta' Ottubru 1948;

Illi huwa skond l-aħjar loġika li d-dikjarazzjoni tar-responsabilità tkun taxxata "ad valorem", l-għaliex l-istess hija preordinata għall-operazzjoni jew non-operazzjoni ta' kwalunkwe talba subordinata;

Illi kwindi dina l-Qorti ma ssibx raġuni biex tgħid li l-konvenut Dr. Vella ne. ma għamelx tajjeb it-tassazzjoni in bażi tal-valur;

Illi fuq il-kerrettezza tat-taxxa in bażi għall-prinċipji li ntqalu ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-attur.